DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/215

tat-30 ta' Jannar 2025

li tiddetermina, għal perjodu ta' żmien limitat, li l-qafas regolatorju applikabbli għall-kontropartijiet ċentrali fir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq huwa ekwivalenti, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 25(6) tiegħu,

Billi:

(1) Il-proċedura għar-rikonoxximent ta' kontropartijiet ċentrali (central counterparties, "CCPs") stabbiliti f'pajjiżi terzi, stipulata fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, għandha l-għan li tippermetti lis-CCPs stabbiliti u awtorizzati f'pajjiżi terzi li għandhom standards regolatorji ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'dak ir-Regolament, li jipprovdu servizzi ta' kklirjar lill-membri tal-ikklirjar jew liċ-ċentri tan-negozjar stabbiliti fl-Unjoni. Għalhekk, din il-proċedura ta' rikonoxximent u d-deċiżjonijiet ta' ekwivalenza previsti fiha jikkontribwixxu biex jintlaħaq l-għan ġenerali tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 li jitnaqqas ir-riskju sistemiku billi jiġi estiż l-użu ta' CCPs sikuri u sodi biex jikklirjaw il-kuntratti tad-derivattivi barra l-borża ("OTC"), inkluż fejn dawk is-CCPs ikunu stabbiliti u awtorizzati f'pajjiż terz.

(2) Sabiex reġim legali ta' pajjiż terz jitqies bħala ekwivalenti għar-reġim legali tal-Unjoni fir-rigward ta' CCPs, l-eżitu sostantiv tal-arranġamenti legali u superviżorji applikabbli jenħtieġ li jkun ekwivalenti għar-rekwiżiti tal-Unjoni f'rabta mal-objettivi regolatorji li jiksbu. L-għan ta' tali valutazzjoni tal-ekwivalenza huwa għalhekk li jiġi vverifikat jekk l-arranġamenti legali u superviżorji tal-pajjiż terz ikkonċernat jiżgurawx li s-CCPs stabbiliti u awtorizzati hemmhekk ma jesponux lill-membri tal-ikklirjar u liċ-ċentri tan-negozjar stabbiliti fl-Unjoni għal livell ogħla ta' riskju milli dawn tal-aħħar jistgħu jkunu esposti għalih mis-CCPs awtorizzati fl-Unjoni u, konsegwentement, ma joħolqux livelli inaċċettabbli ta' riskju sistemiku fl-Unjoni.

(3) Għal din ir-raġuni, il-valutazzjoni dwar jekk l-arranġamenti legali u superviżorji tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (ir-"Renju Unit") ikunux ekwivalenti għal dawk tal-Unjoni jenħtieġ li ma tkunx ibbażata biss fuq analiżi komparattiva tar-rekwiżiti legalment vinkolanti applikabbli għas-CCPs fir-Renju Unit, iżda wkoll fuq valutazzjoni tal-eżitu ta' dawk ir-rekwiżiti, u l-adegwatezza tagħhom biex itaffu r-riskji li l-membri tal-ikklirjar u ċ-ċentri tan-negozjar stabbiliti fl-Unjoni jistgħu jkunu esposti għalihom.

(4) L-ikklirjar ċentrali jżid it-trasparenza tas-suq, inaqqas ir-riskju tal-kreditu u jnaqqas ir-riskju ta' kontaġju f'każ ta' inadempjenza ta' parteċipant wieħed jew aktar f'CCP. Il-forniment ta' servizzi bħal dawn huwa għaldaqstant kruċjali għas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja. Barra minn hekk, strumenti finanzjarji kklirjati mis-CCPs huma essenzjali wkoll għall-intermedjarji finanzjarji u l-klijenti tagħhom, pereżempju biex jiħeġġjaw ir-riskji tar-rata tal-imgħax, b'implikazzjonijiet għall-funzjonament tal-ekonomija reali tal-Unjoni.

(5) Skont il-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali, fil-31 ta' Diċembru 2023 l-ammont nozzjonali pendenti tad-derivattivi barra l-Borża (Over the Counter, OTC) kien madwar EUR 603 triljun mad-dinja kollha, li minnhom id-derivattivi tar-rati tal-imgħax jirrappreżentaw madwar 80 % u d-derivattivi f'munita barranija kważi 18 %. Aktar minn 30 % tad-derivattivi OTC kollha huma denominati f'euro u f'muniti oħrajn tal-Istati Membri. Is-suq tal-ikklirjar ċentrali tad-derivattivi OTC huwa kkonċentrat ħafna, partikolarment is-suq tal-ikklirjar ċentrali ta' derivattivi OTC tar-rata tal-imgħax denominati f'euro, li aktar minn 90 % minnhom huma kklirjati f'CCP unika stabbilita fir-Renju Unit ("CCP tar-Renju Unit").

[1] ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/648/oj.

(6) Fil-kuntest fejn volum sinifikanti ta' tranżazzjonijiet finanzjarji denominati f'euro u f'muniti oħrajn tal-Istati Membri jkun ġie kklirjat permezz ta' CCPs tar-Renju Unit, il-ħruġ tar-Renju Unit mis-suq intern u mill-qafas assoċjat tal-Unjoni ta' regolamentazzjoni, superviżjoni u infurzar fis-settur finanzjarju ħoloq sfidi kbar għall-awtoritajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri rigward is-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja.

(7) Fil-21 ta' Settembru 2020 il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1308 sabiex tindirizza r-riskji possibbli għall-istabbiltà finanzjarja li jistgħu jirriżultaw bħala konsegwenza ta' interruzzjoni f'daqqa fil-forniment tal-ikklirjar ta' derivattivi minn CCPs tar-Renju Unit lill-membri tal-ikklirjar u lill-klijenti tal-Unjoni ([2]). Din id-Deċiżjoni ddeterminat li l-qafas regolatorju applikabbli għas-CCPs tar-Renju Unit jitqies bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 648/2012. Din id-Deċiżjoni applikat biss għal perjodu limitat u skadiet fit-30 ta' Ġunju 2022.

(8) Matul l-2021, il-Kummissjoni waqqfet Grupp ta' Ħidma (flimkien mal-Bank Ċentrali Ewropew, l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku) biex jesplora l-opportunitajiet u l-isfidi involuti fit-trasferiment tad-derivattivi mir-Renju Unit lejn l-Unjoni. Mid-diskussjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma rriżulta li hemm bżonn ta' taħlita ta' miżuri differenti biex tittejjeb l-attraenza tal-ikklirjar, jiġi promoss l-iżvilupp tal-infrastruttura, u jsiru riformi fl-arranġamenti superviżorji biex fis-snin li ġejjin tinbena kapaċità tal-ikklirjar ċentrali b'saħħitha u attraenti fl-Unjoni. L-iskadenza ta' Ġunju 2022 kienet qasira wisq biex jinkiseb dan l-għan. Għalhekk, fit-8 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/174 ([3]). Dik id-Deċiżjoni se tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2025.

(9) Skont l-Artikolu 25(6) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, iridu jintlaħqu tliet kundizzjonijiet biex jiġi determinat li l-arranġamenti legali u superviżorji ta' pajjiż terz rigward is-CCPs awtorizzati hemmhekk huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'dak ir-Regolament.

(10) L-ewwel, li l-arranġamenti ġuridiċi u superviżorji tal-pajjiż terz iridu jiżguraw li s-CCPs awtorizzati f'dak il-pajjiż terz jikkonformaw ma' rekwiżiti ġuridikament vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stipulati fit-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. Ir-Renju Unit inkorpora d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 fil-liġi nazzjonali tiegħu b'effett mid-data tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni ([4]) u għalhekk il-liġi nazzjonali tar-Renju Unit jista' jitqies ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

(11) It-tieni, l-arranġamenti ġuridiċi u superviżorji tal-pajjiż terz iridu jiżguraw li s-CCPs stabbiliti f'dak il-pajjiż terz ikunu soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi fuq bażi kontinwa. Sal-31 ta' Diċembru 2020, is-CCPs tar-Renju Unit kienu taħt is-superviżjoni tal-Bank of England, kif determinat fil-liġi nazzjonali tar-Renju Unit f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([5]). Bħala parti mill-inkorporazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 fil-liġi nazzjonali tar-Renju Unit, il-Bank of England jibqa' responsabbli għas-superviżjoni tas-CCPs wara dik id-data u ma hu ppjanat u lanqas hu mistenni ebda tibdil importanti f'din is-superviżjoni.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1308 tal-21 ta' Settembru 2020 li tiddetermina, għal perjodu ta' żmien limitat, li l-qafas regolatorju applikabbli għall-kontropartijiet ċentrali fir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq huwa ekwivalenti, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 306, 21.9.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2020/1308/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/174 tat-8 ta' Frar 2022 li tiddetermina, għal perjodu ta' żmien limitat, li l-qafas regolatorju applikabbli għall-kontropartijiet ċentrali fir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq huwa ekwivalenti, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 28, 9.2.2022, p. 40, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2022/174/oj).

([4]) Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, diversi atti leġiżlattivi tar-Renju Unit jipprovdu l-qafas regolatorju u superviżorju li jkopri s-servizzi tal-ikklirjar fir-Renju Unit. Dan jinkludi, iżda mhux limitat għalihom, il-European Union (Withdrawal) Act 2018, The Over the Counter Derivatives, Central Counterparties and Trade Repositories (Amendment, etc., and Transitional Provision) (EU Exit) Regulations 2020, il-Financial Services (Consequential Amendments) Regulations 2020 u l-Financial Services Contracts (Transitional and Saving Provision) (EU Exit) Regulations 2019.

([5]) Il-Parti 5 ta' The Financial Services and Markets Act 2000 (Over the Counter Derivatives, Central Counterparties and Trade Repositories) Regulations 2013.

(12) It-tielet, li l-qafas ġuridiku tal-pajjiż terz irid jipprevedi sistema ekwivalenti effettiva għar-rikonoxximent ta' CCPs awtorizzati skont reġimi legali ta' dak il-pajjiż terz. Ir-Renju Unit inkorpora l-elementi ewlenin tas-sistema ta' ekwivalenza fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 fil-liġi nazzjonali tar-Renju Unit. Madankollu, ir-Renju Unit introduċa Reġim ta' Rikonoxximent Temporanju li jissospendi l-emendi ewlenin għar-Regolament (UE) Nru 648/2012 għal perjodu ta' mill-inqas tliet snin. Dan ir-Reġim ta' Rikonoxximent Temporanju jagħti wkoll setgħat diskrezzjonali wesgħin lill-Bank of England biex jirtira r-"rikonoxximent meqjus temporanju", li joħloq inċertezza tad-dritt għas-CCPs rikonoxxuti skont dak ir-reġim. Minkejja dik l-inċertezza, it-tielet kundizzjoni tista' titqies li hi ssodisfata f'dan il-mument.

(13) Peress li t-tliet kundizzjonijiet jitqiesu bħala ssodisfati, jenħtieġ li l-arranġamenti ġuridiċi u superviżorji tar-Renju Unit, li huma applikabbli għas-CCPs tar-Renju Unit li kienu diġà stabbiliti u awtorizzati fil-31 ta' Diċembru 2020, jitqiesu bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 648/2012.

(14) Din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq l-informazzjoni attwalment disponibbli għall-Kummissjoni dwar l-arranġamenti ġuridiċi u superviżorji applikabbli għas-CCPs tar-Renju Unit. Jenħtieġ li dawn l-arranġamenti jitqiesu ekwivalenti biss sa fejn ir-rekwiżiti applikabbli għas-CCPs fil-liġi nazzjonali tar-Renju Unit jinżammu, jiġu applikati u infurzati. Ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza jista' jinżamm biss jekk kull tibdil futur fil-qafas regolatorju u superviżorju tar-Renju Unit ma jkollux impatt negattiv fuq l-ekwivalenza f'termini ta' regolamentazzjoni jew superviżjoni, u dan iwassal għal kundizzjonijiet mhux ekwi bejn is-CCPs tar-Renju Unit u s-CCPs stabbiliti fl-Unjoni jew għal riskji għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Peress li l-Kummissjoni tista' temenda, tissospendi, tirrieżamina mill-ġdid jew tirrevoka din id-Deċiżjoni fi kwalunkwe ħin, b'mod partikolari jekk iseħħu żviluppi li jaffettwaw id-determinazzjoni tal-ekwivalenza, l-iskambju effettiv ta' informazzjoni u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet superviżorji bejn l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (European Securities Markets Authority, ESMA) u l-Bank of England huma kundizzjoni essenzjali biex tinżamm id-determinazzjoni tal-ekwivalenza matul il-perjodu ta' validità ta' din id-Deċiżjoni.

(15) Dan l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-ESMA u l-Bank of England jeħtieġ il-konklużjoni ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni komprensiva u effettiva f'konformità mal-Artikolu 25(7) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. Dawn l-arranġamenti ta' kooperazzjoni għandhom jiggarantixxu l-iskambji tal-informazzjoni rilevanti kollha mal-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 25(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, inkluż il-Bank Ċentrali Ewropew u l-membri l-oħrajn tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, għall-fini ta' konsultazzjoni ma' dawn l-awtoritajiet dwar l-istatus rikonoxxut ta' CCPs tar-Renju Unit jew meta din l-informazzjoni tkun meħtieġa biex dawn l-awtoritajiet iwettqu l-kompiti superviżorji tagħhom.

(16) L-arranġamenti ta' kooperazzjoni stabbiliti skont l-Artikolu 25(7) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 iridu jiggarantixxu li l-ESMA jkollha aċċess immedjat fis-sitwazzjonijiet kollha, fuq bażi kontinwa, għall-informazzjoni kollha, inkluża informazzjoni li tippermetti l-valutazzjoni ta' kull riskju materjali li joħolqu s-CCPs tar-Renju Unit għall-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha, direttament jew indirettament. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-arranġamenti ta' kooperazzjoni jispeċifikaw mekkaniżmi u proċeduri għal skambju immedjat ta' informazzjoni relatata ma' attivitajiet tal-ikklirjar ta' CCPs tar-Renju Unit fir-rigward ta' strumenti finanzjarji denominati f'muniti tal-Unjoni, għal ċentri tan-negozjar, għal parteċipanti tal-ikklirjar kif ukoll għal sussidjarji ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment tal-Unjoni; għal arranġamenti tal-interoperabbiltà ma' CCPs oħrajn, għal riżorsi proprji, għall-kompożizzjoni u l-ikkalibrar ta' fondi ta' inadempjenza, għall-marġini, riżorsi likwidi u għall-portafolli tal-kollateral fosthom il-kalibrazzjonijiet ta' telf impost, u għal testijiet tal-istress. Dawk l-arranġamenti ta' kooperazzjoni iridu jispeċifikaw ukoll il-mekkaniżmi u l-proċeduri għan-notifika immedjata ta' kull tibdil li jaffettwa lis-CCPs tar-Renju Unit jew l-arranġamenti ġuridiċi u superviżorji tar-Renju Unit applikabbli għas-CCPs tar-Renju Unit u għan-notifika immedjata tal-ESMA ta' kull żvilupp fir-rigward tas-CCPs tar-Renju Unit li jista' jaffettwa l-politika monetarja fl-Unjoni. Il-Bank of England irid ukoll jikkoopera mill-qrib mal-awtoritajiet tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 25(7) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. B'mod partikolari, huwa importanti li jkun hemm arranġamenti ta' kooperazzjoni effettivi bejn l-ESMA u l-awtoritajiet responsabbli tar-Renju Unit fir-rigward tal-koordinazzjoni tal-attivitajiet superviżorji tagħhom, inklużi, b'mod partikolari, proċeduri biex tiġi indirizzata kwalunkwe sitwazzjoni ta' emerġenza relatata mas-CCPs tar-Renju Unit rikonoxxuti li għandhom jew jista' jkollhom effett negattiv fuq il-likwidità tas-suq jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni.

(17) L-awtoritajiet tar-Renju Unit mistennija jinfurmaw lill-Unjoni bil-bidliet kollha għall-qafas regolatorju jew superviżorju tar-Renju Unit li jaffettwaw il-forniment ta' servizzi tal-ikklirjar fir-Renju Unit. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-ESMA, se timmonitorja kull bidla introdotta fl-arranġamenti ġuridiċi u superviżorji li jaffettwaw l-għoti ta' servizz tal-ikklirjar fir-Renju Unit, żviluppi tas-suq kif ukoll l-effikaċja tal-kooperazzjoni superviżorja, inkluż l-iskambju immedjat ta' informazzjoni bejn l-ESMA u l-Bank of England. Il-Kummissjoni tista' twettaq rieżami fi kwalunkwe ħin meta minħabba l-iżviluppi rilevanti jkun neċessarju li tirrivaluta l-ekwivalenza mogħtija b'din id-Deċiżjoni, inkluż meta l-awtoritajiet tar-Renju Unit ma jikkooperawx b'mod effikaċi, ma jippermettux valutazzjoni effikaċi tar-riskju li s-CCPs tar-Renju Unit joħolqu għall-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha jew l-azzjonijiet li jieħdu s-CCPs tar-Renju Unit jew il-Bank of England jippromwovu kompetizzjoni inġusta u mhux xierqa.

(18) L-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni kien is-suġġett ta' diversi komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bank Ċentrali Ewropew, fosthom Komunikazzjoni dwar it-trawwim tal-ftuħ, tas-saħħa u tar-reżiljenza ([6]). F'din il-Komunikazzjoni, kien hemm aspettattiva ċara li l-membri tal-ikklirjar tal-Unjoni jnaqqsu l-iskoperturi u d-dipendenza tagħhom fuq is-CCPs tar-Renju Unit li huma sistemikament importanti għall-Unjoni, b'mod partikolari skoperturi ta' derivattivi OTC li huma denominati f'euro u muniti oħra tal-Istati Membri. Sussegwentement, il-Kummissjoni talbet lill-parteċipanti fis-suq tal-Unjoni sabiex inaqqsu l-iskoperturi eċċessivi tagħhom għal CCPs sistemiċi barra l-Unjoni fuq terminu medju. Il-Kummissjoni tenniet dik is-sejħa fil-komunikazzjoni tagħha "Is-sistema ekonomika u finanzjarja Ewropea: it-trawwim tal-ftuħ, tas-saħħa u tar-reżiljenza" f'Jannar 2021 ([7]).

(19) Fis-7 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni adottat proposta biex temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 biex is-servizzi tal-ikklirjar tal-Unjoni jsiru aktar attraenti u reżiljenti, tappoġġa l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni u tħares l-istabbiltà finanzjarja. Dik il-proposta kellha l-għan li s-swieq tal-ikklirjar tal-Unjoni jsiru aktar attraenti u tiżviluppa l-provvista ta' servizzi tal-ikklirjar fl-Unjoni, inkluż billi tissimplifika l-proċess biex prodotti ġodda jinġiebu fis-suq. Il-proposta kellha wkoll l-għan li tindirizza r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja assoċjati ma' skoperturi eċċessivi tal-membri tal-ikklirjar tal-Unjoni u tal-klijenti għal CCPs ta' pajjiżi terzi sistemikament importanti (CCPs tal-Grad 2) li jipprovdu servizzi tal-ikklirjar li ġew identifikati mill-ESMA bħala servizzi tal-ikklirjar ta' importanza sistemika sostanzjali skont l-Artikolu 25(2c) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

(20) Ir-Regolament (UE) 2024/2987 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) li introduċa dawk ir-regoli l-ġodda fir-Regolament (UE) Nru 648/2012, ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-4 ta' Diċembru u daħal fis-seħħ fl-24 ta' Diċembru 2024. Dawk ir-regoli l-ġodda se jikkontribwixxu biex is-servizzi tal-ikklirjar tal-Unjoni jsiru aktar attraenti u sodi, iħarsu l-istabbiltà finanzjarja, u jappoġġaw unjoni tas-swieq kapitali li tiffunzjona tajjeb. Ir-regoli l-ġodda se jippermettu lis-CCPs tal-Unjoni jpoġġu prodotti ġodda fis-suq tal-Unjoni aktar malajr, u b'hekk il-parteċipanti fis-suq jingħataw inċentiv biex jikklirjaw u jibnu l-likwidità fis-CCPs tal-Unjoni. Ir-regoli l-ġodda se jippermettu wkoll sistema tal-ikklirjar aktar sikura u reżiljenti billi jtejbu l-qafas superviżorju tal-Unjoni għas-CCPs, filwaqt li jsaħħu r-rwol tal-ESMA. Il-qafas il-ġdid se jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tad-dipendenza eċċessiva fuq CCPs sistemiċi f'pajjiżi terzi billi jirrikjedi li l-parteċipanti kollha ikkonċernati fis-suq jżommu kontijiet attivi fis-CCPs tal-Unjoni u jikklirjaw porzjon rappreżentattiv ta' ċerti kuntratti tad-derivattivi sistemiċi fis-suq uniku.

([6]) Communication from the Commission to the European Parliament, the Council and the European Central Bank of 4 May 2017, 'Responding to challenges for critical financial market infrastructures and further developing the Capital Markets Union' (COM (2017) 225 final), il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment tad-19 ta' Lulju 2018, "Tħejjija għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Marzu 2019" (COM (2018) 556 final) u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment tat-13 ta' Novembru 2018, "Tħejjija għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Marzu 2019: Pjan ta' Azzjoni ta' Kontinġenza" (COM(2018) 880 final), Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni tad-19 ta' Jannar 2021, "Is-sistema ekonomika u finanzjarja Ewropea: it-trawwim tal-ftuħ, tas-saħħa u tar-reżiljenza"(COM (2021) 32 final).

([7]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Jannar 2021 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: "Is-sistema ekonomika u finanzjarja Ewropea: it-trawwim tal-ftuħ, tas-saħħa u tar-reżiljenza"(COM (2021) 32 final).

([8]) Ir-Regolament (UE) 2024/2987 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2017/1131 fir-rigward ta' miżuri sabiex jittaffew l-iskoperturi eċċessivi għal kontropartijiet ċentrali ta' pajjiżi terzi u tittejjeb l-effiċjenza tas-swieq tal-ikklirjar tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2987, 4.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2987/oj).

(21) Skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012, kif emendat bir-Regolament (UE) 2024/2987, ir-rekwiżiti tal-kont attiv japplikaw mill-24 ta' Diċembru 2024, filwaqt li l-obbligu li jiġi kklirjat ċertu numru ta' negozji f'dawk il-kontijiet attivi japplika mill-24 ta' Ġunju 2025. Sal-25 ta' Ġunju 2026 l-ESMA, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, u wara li tkun ikkonsultat il-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ, għandha tivvaluta l-effettività ta' dak ir-Regolament fil-mitigazzjoni tar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja għall-Unjoni rrappreżentata mill-iskoperturi tal-kontropartijiet tal-UE għal dawk is-CCPs tal-Grad 2 li joffru servizzi ta' importanza sistemika sostanzjali. Skont dak ir-Regolament, il-Kummissjoni hija meħtieġa tħejji r-rapport tagħha fi żmien sitt xhur minn dakinhar.

(22) Għaldaqstant huwa xieraq li tiġi adottata Deċiżjoni li tirrikonoxxi li l-qafas regolatorju applikabbli għall-kontropartijiet ċentrali fir-Renju Unit huwa ekwivalenti għall-qafas stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 648/2012, filwaqt li l-applikazzjoni ta' dik id-Deċiżjoni tiġi limitata għal tliet snin wara d-data tal-applikazzjoni tagħha. Dan jagħti biżżejjed żmien biex jidħlu fis-seħħ ir-rekwiżiti tal-kont attiv kif ukoll biex l-ESMA u l-Kummissjoni jivvalutaw l-impatt tiegħu fuq l-iskopertura tal-kontropartijiet tal-UE għal CCPs tal-Grad 2.

(23) Sabiex tiġi evitata kull interruzzjoni fir-rikonoxximent tas-CCPs tar-Renju Unit mill-ESMA, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mill-jum wara dak li fih tiskadi d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/174.

(24) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet tal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, l-arranġamenti ġuridiċi u superviżorji tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq applikabbli għall-kontropartijiet ċentrali diġà stabbiliti u awtorizzati fir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq fil-31 ta' Diċembru 2020 għandhom jitqiesu ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 648/2012.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2025.

Għandha tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2028.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Jannar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN